## *KRONAKA*

# PRESIDENT U VIĊI-PRESIDENT TAGĦNA MFAKKRIN

M'hemmx ħaġa aktar xierqa milli tfakkar nies li jkunu ħadmu bla serħan għal għajrhom, għal xi għaqda, u għal xi Ideal. U ħadd ma jista' jiċħad li Ġużè Muscat Azzopardi u Ninu Cremona ma kenux minn ta' quddiemnett fil-ħidma tagħhom għal Ilsienna — IL-MALTI. Imma, waqt li dawk li jkunu ħadmu, ikunu għamlu sagrifiċċji kbar, aħna ta' warajhom ma nagħmlu xejn biex inweġġħu t-tifkira tagħhom mhux biss wara mewthom, imma wkoll f'ħajjithom.



Tassew li fit-Teatru ta' l-Università ġie li saru Akkademji f'ġieħ kittieba tal-Malti, iżda din kienet l-ewwel darba li l-Akkademja tal-Malti (flimkien ma' l-Għaqda tal-Malti Università) ħadet l-inizjativa biex turi l-qima tagħha lil wieħed mill-fundaturi tagħha, NINU CREMONA, D.Lit. (H.C.).

Cremona dis-sena għalaq 85 sena u billi s-27 ta' Mejju ħabtet festa, Lapsi, il-ġurnata ma setgħetx tkun isbaħ biex issirlu Akkademja fit-Teatru ta' l-Università.

Għalkemm is-sħana kienet bdiet u f'dak il-jum kien hemm xi tliet okkażjonijiet oħra, it-Teatru kien għoddu mimli u l-Lejla nfetħet b'kelmtejn mill-Prof. Ġużè Galea, President ta' l-Akkademja tal-Malti, li wera kemm kien ilu jaf lil Ninu Cremona, s-siwi tiegħu għall-bini qawwi u sħiħ tal-Malti u li għal dil-ħidma kien messu ilu li sar President ta' l-Akkademja, ġieh li hu ċaħad kemm-il darba, għax Cremona dejjem ħadem bla fanfarunati, u kieku ma kienx hu l-Malti ma kienx ikollu s-sisien qawwija li għandu llum.

Bejn dan id-diskors u l-ieħor tal-Prof. Ġużè Aquilina, is-serata kienet imżewqa bil-kant tal-Baxx J. Vella Bondin, Membru taż-żewġ Għaqdiet tal-Malti, u tas-Sopran Hilda Mallia Tabone, kif ukoll bil-kor tal-Kulleġġ ta' *Stella Maris*, immexxi minn Bro. Edmund, B.A. Inqraw poeżiji ta' Cremona minn imseħbin tal-*Għaqda Letterarja Maltija* u tal-*Għaqda Kittieba Żgħażagħ*, waqt li Akkademiċi u



Studenti Universitarji qraw poeżiji tagħhom f'ġieħ Cremona. Poeżiji li jidhru f'din ir-Rivista iżjed 'il quddiem.

Il-Prof. Ġużè Aquilina, President ta' l-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) wera l-karattru dejjem sod li bih hu mżejjen Ninu Cremona; mhux bħal Girella li jdur ma' kull riħ, iżda lest biex jissielet u jbati għall-Ideal tiegħu, IL-MALTI. Għax, kif fakkar il-Prof. Aquilina, Cremona ħadem għall-Malti u qala' fuq wiċċu mis-superjuri tiegħu u kien wasal saħansitra biex jiġi vittimizzat għall-prinċipji tiegħu.

Is-serata ntemmet b'Silta Qari mill-*Fidwa tal-Bdiewa* u b'kelmtejn ta' ħajr minn Ninu Cremona nnifsu, li fihom irringrazzja lill-*Akkademja tal-Malti*, u lill-*Għaqda tal-Malti* (Università) u lill-Għaqdiet oħra Letterarji, lis-Sur Ġużè Cardona li ħejja s-Serata bl-għajnuna ta' Victor Apap, lil kull min ħa sehem għas-suċċess u lill-udjenza li ngħaqdet mal-Għaqdiet biex tifraħlu. Qal li ħassu grat u ferħan li issa l-Malti għandu grammatika u letteratura xierqa, u meta hu u dawk li baqa' mill-fundaturi ewlenin tal-Għaqda jitilqu biex jingħaqdu ma' l-oħrajn, ikollhom is-sodisfazzjon li ħallew warajhom "*il-ġenerazzjoni Maltija tal-lum li hi l-isbaħ wirt tal-koltivazzjoni letterarja tal-Malti*".

* * *

# LIL NINU CREMONA

*F'egħluq il-85 sena ta' għomru*
*27 ta' Mejju 1965*

*Ta' ALFRED M. PREVI, O.P.*

Xhin kont qed nara l-jum inin fl-għaxija,
U l-lejl qed joqrob, biex bi star sewdieni
Lill-ħlejjaq joftom minn kull ġmiel, kull dija,
Il-ħajja mietet, u ġo moħħi ġieni

Il-ħsieb ta' dawk li ntemmu qabli u baqa'
Il-baħħ biss ta' ħajjithom. Imma lilek
It-tmiem ma jtemmek qatt, għax mhux se jaqa'
Esħeħ mir-rħam u l-bronż Mafkar għemilek.

Il-ħsieb li tnissel f'qalbek miż-żgħożija
Minqux narawh illum fuq qalb dil-Gżira,
Għax inti bnejt Ilsienha, biex Maltija
Tkun Malta u t'ilsna oħra qatt ilsira.

Flimkien ninsgħulek kliła rand, ħenjin
Li int illum għalaqt Ħamsa w Tmenin.